MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Numru 570/2003

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
George Cefai, iben John
Mary, imwieled Pieta'
fl-10 ta' ġunju, 1975
u
Clyde Bonavia, iben Anthony,
imwieled Pieta' fid-9 ta'
awissu, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fis-7 ta' lulju, 2003 għal ħabta tas-6.00 p.m. ġewwa Puturjal, Floriana, volontarjament ħassru ħamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamiltu ħsara fid-'Diana Kiosk', proprjeta' ta' Anthony Fenech, liema ħsara hi ta' aktar minn ħames mitt liri maltin

(Lm500) għad-dannu ta' l-istess sid Anthony Fenech u persuni oħra;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlu offiza ta' natura ħafifa fuq
il-persuna ta' Anthony Fenech skond kif iċċertifika Dr. Joseph Galea M.D.
taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbew għal Anthony Fenech sabiex jiġurjawh, idejquh jew jagħmlulu ħsara;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellfu jew inaqqsu l-ġieħ ta' Anthony Fenech weġġgħuh bi kliem b'ġesti jew b'mod ieħor;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi imbuttaw lill-imsemmi Anthony Fenech sabiex iweġġgħuh jew jinsulentawh;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kissru l-paċi pubblika u
il-bon ordni b'għajjat u bi għlied;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem indeċenti u oxxen,
liema kliem jikkonsistu f'dagħa fil-pubbliku;
lil George Cefai, waħdu –
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni BBH 327, liema ħsara hi ta' aktar minn ħamsin lri maltin (Lm50) iżda mhux aktar minn ħames mitt liri maltin (Lm500) għad-dannu ta' Anthony Fenech;
9. talli sar reċidiv a termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
lil Clyde Bonavia, waħdu –
10. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkometta serq ta' madwar Lm110 fi flus għad-dannu ta' Anthony Fenech liema serq hu kkwalfikat bil-valur;
11. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel offiża ta' natura ħafifa fuq
il-persuna ta' Adal Duwah skond kif iċċertifika Dr. Joseph Galea M.D.
miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għal Adal Duwah sabiex jiġurjah, idejjqu jew jagħmillu ħsara;

13. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Adal Duwah weġġgħu bi kliem, b'ġesti jew b'mod ieħor;
14. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi imbuttaw lill-imsemmi Adal Duwah sabiex iweġġgħuh jew jinsulentawh;
15. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' lulju, 2001 u tal-11 ta' marzu, 2002 rispettivament.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Anthony Fenech u Adal Duwah u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' lulju, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.
Fil-konfront ta' George Cefai. Rat l-artikoli 325(a), 221(1), 339(1)(d)(e), 338(bb)(dd), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fil-konfront ta' Clyde Bonavia. Rat l-artikoli 325(a), 221(1), 339(1)(d)(e), 338(bb)(dd), 261(ċ), 267, 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------